



2017/2131(INL)

17.5.2018

OPINJONI

mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija (wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew
tas-17 ta' Mejju 2017)
(2017/2131(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Petra Kammerevert

(Inizjattiva – Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_INL

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Att li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Nazzjonali

1. Jirrikonoxxi li fin-nuqqas ta' normi jew mudelli uniformi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, huwa f'idejn il-Gvern Ungeriż li jstabbilixxi, u jirrevedi per jodikament, l-aktar qafas regolatorju xieraq applikabbli għal universitajiet barranin fit-territorju tiegħu u li jfittex li jtejjeb dan il-qafas, kif ukoll iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja; jenfasizza, madankollu, li skont l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni, kif ukoll id-diversità kulturali u lingwistika tagħhom; jenfasizza, barra minn hekk, li l-liġijiet tal-edukazzjoni implimentati mill-Gvern Ungeriż iridu jkunu kompletament kompatibbli mal-libertajiet tas-suq intern u d-drittijiet fundamentali;
2. Ifakkar li f'April 2017, wara l-adozzjoni tal-Att li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Nazzjonali fl-Ungerija, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa talbet l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja, u li l-Kummissjoni ta' Venezja, fil-konklużjonijiet tagħha, iddikjarat li l-introduzzjoni ta' regoli aktar stretti, flimkien ma' skadenzi stretti u konsegwenzi ġuridiċi severi għall-universitajiet barranin, li diġà kienu stabbiliti fl-Ungerija u li kienu joperaw legalment hemmhekk għal bosta snin, deheru problematiċi ħafna mill-perspettiva tal-istat tad-dritt u l-prinċipji u l-garanziji tad-drittijiet fundamentali;
3. Jirrikonoxxi li l-Gvern Ungeriż issodisfa wħud mit-talbiet li saru fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2017 dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija, b'mod partikolari fir-rigward tas-sospensjoni tal-iskadenzi stabbiliti fl-Att li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Nazzjonali u l-ftuħ ta' djalogu mal-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Uniti għall-Università tal-Ewropa Ċentrali; jiddispjaċih, madankollu, li l-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Gvern Ungeriż u l-gvern tal-pajjiż tas-sede tal-Università tal-Ewropa Ċentrali, li ilu lest mis-sena l-oħra, għadu ma ġiex iffirmat mill-Prim Ministru Ungeriż; jiddispjaċih, barra minn hekk, li l-Gvern Ungeriż ma rtirax l-Att li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Nazzjonali;
4. Jinnota, barra minn hekk, li s-sospensjoni tal-iskadenzi fuq bażi ta' terminu twil ta' żmien ma twassalx għal ċertezza fl-ippjanar għall-universitajiet, il-persunal akkademiku u l-istudenti tagħhom; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-awtoritajiet Ungeriżi żaru l-istat ta' New York fl-Istati Uniti tal-Amerika fit-13 ta' April 2018 bil-ħsieb li jimmitigaw ir-riżervi li fadal tal-Gvern Ungeriż dwar l-Università tal-Ewropa Ċentrali; jiddispjaċih, madankollu, li l-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Gvern Ungeriż u l-Gvern tal-pajjiż tas-sede tal-Università tal-Ewropa Ċentrali jibqa' mhux iffirmat u mhux irratifikat, għalkemm l-awtoritajiet Ungeriżi indikaw matul iż-żjara li l-Università tal-Ewropa

Ċentrali issa se tissodisfa r-rekwiżiti ta' Lex CEU; jistieden lill-Gvern Ungeriż, għaldaqstant, jiżblokka u ma jinjorax il-konklużjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni dwar l-Università tal-Ewropa Ċentrali, li diġà ġie nnegozjat, mal-istat ta' New York fl-Istati Uniti, biex b'hekk l-università tkun tista' twettaq l-attivitajiet tagħha b'mod xieraq;

5. Jiddispijaċih li t-tilwima legali bejn il-Kummissjoni u l-Gvern Ungeriż rigward l-Att li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Nazzjonali għadha ma ssolvietx sa issa, u dan wassal biex il-Kummissjoni tieħu passi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li, filwaqt li l-Ungerija għandha d-dritt li jkollha l-liġijiet tal-edukazzjoni tagħha stess, dawn ma jridux imorru kontra l-libertajiet tas-suq intern, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà tal-istabbiliment, u d-dritt għal-libertà akkademika, id-dritt għall-edukazzjoni u l-libertà ta' intrapriża, minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Segregazzjoni tat-tfal Rom

6. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li forom multipli ta' diskriminazzjoni ta' kuljum b'mod ġenerali u s-segregazzjoni tat-tfal Rom fil-qasam tal-edukazzjoni b'mod partikolari għadhom fenomenu strutturali u radikat sew fl-Ungerija u f'pajjiżi oħra Ewropej, li jikkontribwixxi għall-esklużjoni soċjali tar-Rom u jnaqqas il-possibiltajiet tagħhom li jintegraw fis-sistema edukattiva, fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà kollha kemm hi; ifakkar li l-kwistjoni tas-segregazzjoni tar-Rom kienet is-suġġett ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni u għalhekk jistieden lill-Gvern Ungeriż isegwi dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jimplementa miżuri effettivi;

Il-politika tal-midja

7. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni, meta rrevediet il-leġiżlazzjoni dwar il-midja tal-2010, ma daħlitx biżżejjed fid-dettall u ma rnexxilhiex tqis il-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TFUE; ifakkar li, f'Ġunju 2015, il-Kummissjoni ta' Venezja ppubblikat l-opinjoni tagħha rigward il-leġiżlazzjoni dwar il-midja fl-Ungerija, fejn hija ddikjarat li bosta kwistjonijiet jirrikjedu reviżjoni bħala prijorità, jekk l-awtoritajiet Ungeriżi jixtiequ mhux biss itejbu s-sitwazzjoni dwar il-libertà tal-midja fil-pajjiż, iżda wkoll ibiddu l-perċezzjoni pubblika tal-libertà tal-midja;
8. Jemmen li l-liġi dwar il-midja tal-2010 bir-regoli ta' transproprjetà insuffiċjenti tagħha rriżultat f'suq tal-midja distort u żbilanċjat; jenfasizza li s-suq Ungeriż sar iktar ikkonċentrat, bosta stazzjonijiet lokali u indipendenti sparixxew u l-fergħa ta' stazzjonijiet tar-radju tal-komunità li qabel kienet tiffjorixxi wkoll qed taqa' lura; jemmen li huwa neċessarju li tissaħħaħ it-trasparenza tas-sjieda tal-midja, speċjalment jekk il-komunikazzjoni tal-midja kienet qed tirċievi fondi pubbliċi;
9. Huwa tal-fehma li l-kunsill tal-midja (li, wara l-2010, il-membri kollha li jistgħu jiġu ddelegati fih għandhom ikunu biss mill-partit fil-gvern) attivament għen bir-ristrutturar tas-suq tar-radju sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet politiċi prevalenti; huwa rrabjat ħafna għall-fatt li lanqas il-livell minimu ta' bilanċ fil-midja ma ġie ggarantit mill-kunsill tal-midja;
10. Jenfasizza li l-infiq għar-reklamar statali jiffavorixxi b'mod sproporzjonat ċerti intrapriżi tal-midja fuq oħrajn; jinnota li l-infiq statali kien oġhla fl-2017 milli kien qatt qabel u r-

reklami tal-istat tipikament jingħataw lil midja li hija leali lejn il-gvern, li hija b'mod predominanti kkontrollata minn oligarki;

11. Ifakkar li f'Mejju 2017, il-Parlament tal-Ungerija adotta liġi li żiedet it-taxxa tar-reklamar tal-pajjiż minn 5,3 % għal 7,5 %, ħaġa li tqajjem tħassib dwar il-persjoni possibbli fuq il-midja indipendenti li baqa' fil-pajjiż; jinsab imħasseb li r-reklamar ta' partit politiku huwa permess biss fil-midja pubblika u privata jekk ikun bla ħlas, li qajjem tħassib f'termini ta' limitazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni, peress li l-midja privata tista' ma tkunx lesta li xxandar reklamar bla ħlas; jemma li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-kuntratti għar-reklamar pubbliku jiġu konklużi mal-midja kollha b'mod ġust u trasparenti;
12. Jenfasizza li l-hekk imsejjaħ xandar pubbliku tal-midja (MTVA), li jinkludi l-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni pubbliċi kollha, qed ixxerred il-messaġġi tal-gvern mingħajr ma jikkritikahom, u b'mod partikolari qed jirrifletti kontinwament il-kampanji kontra r-rifuġjati u daww dwar Stop-Soros imwettqa mill-gvern; jenfasizza li l-istazzjon televiżiv pubbliku M1, bħala stazzjon tal-aħbarijiet ta' 24 siegħa kuljum, joffri aktar possibbiltajiet minn qatt qabel għall-propaganda u għat-trażmissjoni ta' messaġġi tal-gvern;
13. Jindika li x-xandar tal-midja pubblika ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' trasparenza, ma jipprovdi l-ebda informazzjoni aċċessibbli pubblikament biex jiġi intraċċat l-infiq tal-fondi pubbliċi, u għall-kuntrarju ta' ħafna xandara pubbliċi Ewropej, m'għandu l-ebda rapport annwali, u li mhux magħruf kif jiddefinixxi jew jaqdi r-responsabbiltajiet tas-servizz pubbliku;
14. Ifakkar li l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja huma drittijiet fundamentali minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jikkostitwixxu l-pedamenti essenzjali tas-soċjetajiet demokratiċi; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Gvern Ungeriż biex jiggwarantixxi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja bħala valur ewlieni tal-Unjoni;
15. Jenfasizza, b'referenza għad-"Democracy Index 2017", ippubblikat reċentement mill-Economist Intelligence Unit (EIU), u għall-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2018 minn Reporters Mingħajr Fruntieri, li, bħala riżultat tal-intervent mill-Istat u kontroll akbar mill-Istat, il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-Ungerija kkawżaw tħassib kbir f'dawn l-aħħar snin; jesprimi t-tħassib tiegħu, f'dan ir-rigward, dwar il-bejgħ u l-għeluq sussegwenti ta' Népszabadság, waħda mill-eqdem u mill-aktar gazzetti prestiġjużi fl-Ungerija;
16. Jenfasizza li l-ġurnalisti tal-midja indipendenti huma ta' spiss imfixkla serjament waqt li jwettqu xogħolhom, il-mezzi tal-midja huma regolarment ipprojbti milli jidħlu fil-bini tal-Parlament, u l-ispażji fil-Parlament għall-ġurnalisti li jkunu jridu jagħmlu mistoqsijiet jew jintervistaw lill-politiċi huma ristretti;
17. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Gvern Ungeriż, wara li l-aħħar gazzetti indipendenti tal-Ungerija ttieħdu f'idejn oligarki qrib il-Gvern, reċentement estenda l-kontroll tiegħu fuq il-midja, u l-konċentrazzjoni tal-midja fl-Ungerija, skont "Reporters Mingħajr Fruntieri", laħqet livell "grottesk" mingħajr preċedent; jemma li huwa neċessarju li tissaħħaħ it-trasparenza tas-sjieda tal-midja, speċjalment jekk l-impreditur ikun ingħata kuntratti pubbliċi;

18. Jiddispjaċih dwar il-fatt li s-sit web favur il-Gvern 888.hu reċentement xandar lista sewda ta' ġurnalisti li jaħdmu għall-midja barranija li ġew deskritti bħala "Propagandisti barranin għal Soros", u li dan bla dubju jmur kontra l-prinċipju tal-libertà tal-midja;

Organizzazzjonijiet mhux governattivi

19. Jinsab profondament imħasseb dwar l-ispazju dejjem jonqos għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Ungerija; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, dwar it-tentattivi tal-Gvern Ungeriż li jikkontrolla l-NGOs u jirristrinġi l-abbiltà tagħhom li jwettqu l-ħidma leġittima tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' Lex NGO u Lex Stop Soros;
20. Jirrimarka li l-Lex NGO, li ġi dwar l-NGOs iffinanzjati minn barra l-pajjiż, tinterferixxi b'mod indebitu fid-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni, tintroduċi restrizzjonijiet inġustifikati u sproporzjonati fuq il-moviment liberu tal-kapital u tqajjem tħassib dwar ir-rispett tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali; jenfasizza li l-Kummissjoni, għalhekk, ma kellhiex għażla oħra ħlief li tagħti bidu għal proċedimenti fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward Lex NGO; jiddispjaċih profondament dwar il-fatt li, minkejja l-proċedimenti għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropa rigward Lex NGO, il-Gvern Ungeriż introduċa liġi oħra fi Frar 2018, l-hekk imsejħa "Lex Stop Soros", li għandha l-ħsieb li tkompli tillimita d-dritt ta' assoċjazzjoni u l-ħidma tal-NGOs; jiddeplora, f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Gvern Ungeriż li jobbliga lill-NGOs kollha ffinanzjati minn Soros jaġhlu bil-forza u li jesiġi li l-NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-migrazzjoni jkunu jeħtieġu permess mill-istat; huwa mħasseb profondament dwar il-fatt li l-liġijiet proposti jistgħu jservu bħala mudell fi ħdan l-UE li jimminaw il-ħidma siewja tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jiġġieldu għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, periklu li reċentement issottolinjat l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali; jiġbed l-attenzjoni ulterjorment għall-fatt li l-partit fil-gvern bena netwerk ta' NGOs organizzati mill-gvern, appoġġati minn fondi pubbliċi, li l-attività ewlenija tagħhom hija li kontinwament jirrepetu l-messaġġi tal-gvern u li jorganizzaw manifestazzjonijiet fuq in-naħa tal-gvern;

Aspetti ġenerali

21. Jemmen li s-sitwazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni tar-Rom, il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u s-sitwazzjoni tal-NGOs fl-Ungerija jirrapreżentaw riskju ċar ta' ksar serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE); għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tuża l-mezzi kollha disponibbli skont it-Trattati; 22. huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li t-tnedija tal-proċedura tal-Artikolu 7 tat-TUE hija ġġustifikata sabiex il-valuri komuni tal-Unjoni jiġu rrispettati u l-istat tad-dritt jiġi ggarantit;
23. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja mill-qrib il-proċess leġiżlattiv li qed jiżvolġi u sa liema punt il-proposti qed jiksru d-dritt tal-UE, inklużi d-Drittijiet Fundamentali tagħha, u tagħmel kwalunkwe evalwazzjoni disponibbli malajr kemm jista' jkun u b'mod pubbliku;
24. Jistieden lill-OSKE/ODIHR jimpenjaw ruħhom fi proċess ta' segwitu fl-attivitajiet tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali wara l-eżitu tal-elezzjonijiet parlamentari tal-Ungerija u biex jissorveljaw mill-qrib l-abbuż tal-libertà ta' espressjoni u l-abbuż ta'

riżorsi amministrattivi;

25. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament għal proġetti indipendenti fil-qasam tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja u, fost l-oħrajn, il-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja, billi tiddokumenta l-każijiet ta' ksur tal-libertà tal-midja u tappoġġa lill-ġurnalisti mhedda;

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	16.5.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 13 -: 4 0: 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Damian Drăghici, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Luigi Morgano, John Procter, Michaela Šojdrová, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Algirdas Saudargas
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	António Marinho e Pinto

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

13	+
ALDE	María Teresa Giménez Barbat, António Marinho e Pinto
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
S&D	Silvia Costa, Damian Drăghici, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Luigi Morgano, Julie Ward
Verts/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel

4	-
ENF	Dominique Bilde
PPE	Andrea Boeskor, Michaela Šojdrová, Milan Zver

8	0
ECR	John Procter
EFDD	Isabella Adinolfi
PPE	Svetoslav Hristov Malinov, Algirdas Saudargas, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni